# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru: 2581/99 M1 NA**

**Glorianne Pace**

**vs**

**Taher Enaeli**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-24 ta' Novembru 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-14 ta' Novembru 1994, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";

Illi l-kunsens ta' l-attrici nkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c) u/jew (g) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici w il-konvenut huwa null u bla effett fil-Ligi;

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit.

Il-konvenut, debitament notifikat, ma ghamilx in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu u ghalhekk waqa' kontumaci. Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2000 di piu' imsejjah ma deherx. Dan nonostante f'kawza ta' din in-natura l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Edwina Grima biex tigbor il-provi u tirrelata. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2000. L-attrici tramite d-difensur taghha rremettiet ruhha ghar-rapport peritali. Il-konvenut ma deherx anqas ghal din is-seduta. Fis-seduta invece tas-16 ta' Frar 2001 il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali wara li ghamlet ezami akkurat tal-provi mressqa li kienu jikkonsistu principalment f'diversi affidavitsipprezentati mill-attrici permezz ta' nota tal-14 ta' Gunju 2000 u ta' affidavit iehor tal-konvenut ukoll ipprezentat b'nota ta' l-istess data (effettivament l-attrici xehdet ukoll quddiem il-Perit Legali fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2000), applikat il-fatti tal-kaz

odjern ghal-ligi in materja b'mod partikolari ghal dawk il-provvedimenti tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imsemmija mill-attrici fil-premessi citattivi taghha. Fl-ewwel lok ghalhekk ikkunsidrat l-Artikolu 19 (1) (c) ta' dan l-istess Kapitolu u wara li ezaminatu mill-ottika gurisprudenzjali u dottrinali kkonkludiet "*Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar iktar minn kwalita' wahda tal-konvenut liema qerq wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti. Illi kif diga' gie sottolineat iktar 'il fuq il-qerq perpetrat mill-konvenut iwassal ukoll ghal konkluzzjoni illi l-kunsens tal-konvenut kien wiehed simulat u dana peress illi fil-mument ta' l-ghotja tal-kunsens huwa ma kienx qieghed jaghti lilu nnifsu bil-mod rikjest fil-kuntratt taz-zwieg ghalkemm esternament kien qieghed juri li qed jaghmel dan.*"

Hija kienet ghalhekk tal-parir illi kien hemm ragunijiet sufficjenti biex dan iz-zwieg jigi dikjarat null a tenur tas-sub-incizi (c) u (g) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u kien partikolarment ghal din ir-raguni li hija ma ezaminatx ukoll is-sub-inciz (d).

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi dan il-parir tal-Perit Legali. Jirrizulta mill-provi, partikolarment mix-xhieda ta' l-istess konvenut, illi ghalih zwieg ma kien ifisser xejn aktar minn mohqrija u dominanza tal-parti l-ohra. "*Bosta drabi hija kienet tgerger li jiena kont qed nittrattaha aghar minn nisa tat-triq, pero' hija kienet marti u jiena nippretendi li hija kellha toqghod ghal dak li nghid jiena.*" Huwa eskluda b'mod pozittiv kwazi l-elementi kollha tal-hajja mizzewga kif inhuma mifhuma fis-socjeta' civili taghna fosthom dik tal-fedelta' "*ir-ragel fil-kultura taghna ghandu d-dritt jaghmel li jrid minghajr ma jaghti sodisfazzjon lill-martu*", imhabba, unjoni u rispett.

Mill-provi jirrizulta wkoll li probabbilment il-konvenut kien jaf l-isterilita' tieghu qabel iz-zwieg rizultat ta' marda li kellu meta kien zghir u li kien heba din il-kwalita' mill-attrici "*Nghid li da parti tieghi jiena kont nqast li nghid lil Glorianne li meta kont zghir jiena kont imradd u l-familja tieghi naqsu li jikkurawni sew. Ghalhekk kelli suspett li jiena ma stajtx ikolli tfal. Dan is-suspett bdejt nikkonfermah meta beda jkolli relazzjonijiet sesswali ma' ghadd ta' tfajliet u qatt ma kont nuza l-ebda forma ta' prezervattivi. Minkejja dan l-ebda tfajla li kelli x'naqsam maghha ma nqabdet tqila.*" Din il-kwalita' tal-konvenut apparti milli intrinsikament tista' tfixkel serjament il-

hajja mizzewga, f'dan il-kaz partikolari in vista tax-xewqa ta' l-attrici li jkollha t-tfal hekk fil-fatt ghamlet.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici w il-konvenut huwa null u bla effett fil-ligi.

Fuq il-meritu u fil-kontumacja tal-konvenut l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu minnu.

Deputat Registratur

rf.